DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba’ Awla)

2 ta’ Mejju 2022 *

“Rikors għal annullament – Dumping – Importazzjonijiet ta’ estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw miċ-Ċina – Att li jimponi dazju antidumping definittiv – Importatur – Att regolatorju li jinkludi miżuri ta’ eżekuzzjoni – Nuqqas ta’ inċidenza individwali – Inammissibbiltà”

Fil-Kawża T-328/21,

Airoldi Metalli SpA, stabbilita f’Molteno (l-Italja), irrappreżentata minn M. Campa, M. Pirovano, D. Rovetta, G. Pandey, P. Gjørtler u V. Villante, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn G. Luengo u P. Němečková, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba’ Awla),

komposta minn S. Gervasoni (Relatur), President, R. Frendo u J. Martín y Pérez de Nanclares, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura, b’mod partikolari:

– l-eċċezzjoni ta’ inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni permezz ta’ att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta’ Settembru 2021,

– l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti dwar l-eċċezzjoni ta’ inammissibbiltà ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-14 ta’ Novembru 2021,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Digriet [1]

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Airoldi Metalli SpA, titlob l-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/546 tad-29 ta' Marzu 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2021, L 109, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat").

[*omissis*]

Id-dritt

[*omissis*]

Fuq l-eżistenza ta' miżuri ta' eżekuzzjoni tar-Regolament ikkontestat

[*omissis*]

19 Hija ġurisprudenza stabbilita li l-eżistenza ta' miżuri ta' eżekuzzjoni tar-Regolament ikkontestat, fid-dawl tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-għan li din id-dispożizzjoni tfittex, jiġifieri li tippermetti lil persuna fiżika jew ġuridika tippreżenta rikors kontra atti ta' portata ġenerali li ma humiex atti leġiżlattivi, li jikkonċernawha direttament, u li ma jinvolvux miżuri ta' eżekuzzjoni, u b'hekk jiġu evitati l-każijiet fejn tali persuna għandha tikser id-dritt sabiex ikollha aċċess għal qorti (digriet tal-21 ta' Jannar 2014, Bricmate vs Il-Kunsill, T-596/11, mhux ippubblikat, EU:T:2014:53, punt 66; ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Internacional de Productos Metálicos vs Il-Kummissjoni, C-145/17 P, EU:C:2018:839, punt 49).

20 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk l-att regolatorju tal-Unjoni huwiex implimentat minn att ieħor, li jista' jkun is-suġġett ta' rikors min-naħa tad-destinatarju tiegħu jew quddiem il-Qorti Ġenerali, jew quddiem il-qrati tal-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Internacional de Productos Metálicos vs Il-Kummissjoni, C-145/17 P, EU:C:2018:839, punti 50 u 51, u d-digriet tal-21 ta' Jannar 2014, Bricmate vs Il-Kunsill, T-596/11, mhux ippubblikat, EU:T:2014:53, punt 67).

[*omissis*]

23 Għalhekk, għandu jiġi ddeterminat f'dan il-każ, konformement mal-ġurisprudenza li tgħid li hemm lok li wieħed jiffoka fuq il-pożizzjoni tal-persuna li tinvoka d-dritt għal azzjoni legali u li tirreferi esklużivament għas-suġġett tar-rikors (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Telefónica vs Il-Kummissjoni, C-274/12 P, EU:C:2013:852, punti 30 u 31, u d-digriet tat-12 ta' Jannar 2017, Amrita *et* vs Il-Kummissjoni, C-280/16 P, mhux ippubblikat, EU:C:2017:9, punti 36 u 37), jekk ir-Regolament ikkontestat, li l-għan tiegħu huwa li jimponi dazji antidumping li għandhom jitħallsu mill-importaturi, jinvolvix miżuri ta' eżekuzzjoni fir-rigward tar-rikorrenti, li hija importatriċi tal-prodott ikkonċernat.

[1] Qed jiġu rriprodotti biss il-punti ta' dan id-digriet li l-Qorti Ġenerali tqis utli għall-pubblikazzjoni.

24 Issa, minn ġurisprudenza stabbilita, mibdija abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità tal-1992 (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307), kif emendat, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali tal-1992") u rriprodotti b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni tal-2013 (Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90, u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2), kif emendat, iktar 'il quddiem, il-"Kodiċi Doganali tal-2013") applikabbli f'dan il-każ, li r-regolamenti li jimponu dazji antidumping definittiv jinkludu miżuri ta' eżekuzzjoni fir-rigward tal-importaturi debituri ta' dawn id-dazji li jikkonsistu fil-komunikazzjoni jew fin-notifika lill-importatur tad-dejn doganali li jirriżulta minn dawn id-dazji (sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Rotho Blaas, C-207/17, EU:C:2018:840, punti 38 u 39; digrieti tal-5 ta' Frar 2013, BSI vs Il-Kunsill, T-551/11, mhux ippubblikat, EU:T:2013:60, punt 53; tal-21 ta' Jannar 2014, Bricmate vs Il-Kunsill, T-596/11, mhux ippubblikat, EU:T:2014:53, punt 72; tas-7 ta' Marzu 2014, FESI vs Il-Kunsill, T-134/10, mhux ippubblikat, EU:T:2014:143, punt 33; sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products *et* vs Il-Kummissjoni, T-254/18, taħt appell, EU:T:2021:278, punt 116; u d-digriet tal-14 ta' Settembru 2021, Far Polymers *et* vs Il-Kummissjoni, T-722/20, mhux ippubblikat, EU:T:2021:598, punt 66).

25 B'mod partikolari, sabiex jiġi implimentat l-Artikolu 14(1) tar-Regolament bażiku, li jipprovdi li d-dazji antidumping definittivi jinġabru mill-Istati Membri, l-Artikolu 101(1) tal-Kodiċi Doganali tal-2013 jipprovdi li "[l]-ammont ta' dazju tal-importazzjoni jew esportazzjoni li jrid jitħallas għandu jkun determinat mill-awtoritajiet doganali responsabbli għall-post fejn jinħoloq id-dejn doganali" mingħajr ma huwa previst f'dan ir-rigward ta' eċċezzjoni għad-dazji antidumping definittivi. Barra minn hekk, konformement mal-Artikolu 104(1) ta' dan il-kodiċi, l-awtoritajiet doganali msemmija fl-Artikolu 101 tiegħu għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni, konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-ammont tad-dazji fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni dovuti ddeterminati konformement ma' din l-aħħar dispożizzjoni. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 102 tal-imsemmi kodiċi jiddisponi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li d-dejn doganali għandu jiġi nnotifikat lid-debitur mill-awtoritajiet doganali, fil-forma preskritta fil-post fejn id-dejn doganali nħoloq, u jippreċiża, fil-paragrafu 2 tiegħu, li, meta l-ammont tad-dazji dovuti jikkorrispondi għall-ammont imsemmi fid-dikjarazzjoni doganali, l-għoti tar-rilaxx tal-merkanzija mill-awtoritajiet doganali jiswa bħala deċiżjoni li tinnotifika d-dejn doganali lid-debitur.

26 Kuntrarjament għal dak li tallega r-rikorrenti, ma jistax, għaldaqstant, jiġi dedott mill-emenda tal-leġiżlazzjoni doganali li, taħt il-Kodiċi Doganali tal-2013, applikabbli f'dan il-każ, ir-regolamenti li jimponu dazji antidumping definittivi ma jinvolvux iktar miżuri ta' eżekuzzjoni fir-rigward tal-importaturi. Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-2013, imfakkra fil-punt 25 iktar 'il fuq, ftit li xejn huma differenti minn dawk fis-seħħ qabel. Fil-fatt, id-determinazzjoni tal-ammonti tad-dazji mill-awtoritajiet doganali nazzjonali, il-komunikazzjoni ta' dawn l-ammonti lid-debitur mill-imsemmija awtoritajiet kif ukoll iċ-ċirkustanza li l-għoti tar-rilaxx tal-merkanzija jiswa bħala komunikazzjoni tad-dejn doganali lid-debitur f'każ ta' korrispondenza bejn l-ammont ta' dan id-dejn u dak iddikjarat mill-importatur kienu diġà previsti mill-Artikoli 217 u 221 tal-Kodiċi Doganali tal-1992.

27 Dawn il-kunsiderazzjonijiet ma humiex ikkontestati mill-argument tar-rikorrenti li tali analiżi ma tiħux inkunsiderazzjoni l-introduzzjoni mit-Titolu IX tal-Kodiċi Doganali tal-2013 ta' "sistemi elettroniċi" għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-imsemmi kodiċi.

28 Mid-dispożizzjonijiet tat-Titolu IX tal-Kodiċi Doganali tal-2013 u mid-dispożizzjonijiet adottati mill-Kummissjoni skont dan it-Titolu IX jirriżulta li l-"iskambji kollha ta' informazzjoni bħal dikjarazzjonijiet, applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet bejn awtoritajiet doganali u bejn operaturi ekonomiċi u awtoritajiet doganali […], kif meħtieġa taħt il-leġislazzjoni doganali, għandhom ikunu magħmula bl-użu ta' tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data" (Artikolu 6(1) tal-Kodiċi Doganali tal-2013).

29 Madankollu, kif jirriżulta mill-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni u kif jirriżulta wkoll mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-2013 imsemmija fil-punt 25 iktar 'il fuq, din id-diġitalizzazzjoni tikkonċerna l-kummerċ bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet doganali u ma timplikax bħala tali, fi kwalunkwe każ, li l-importazzjoni tal-prodotti u l-ħlas tad-dazji antidumping issa jinvolvu biss lill-operaturi ekonomiċi mingħajr intervent ulterjuri mill-awtoritajiet doganali nazzjonali.

30 L-annessi pprovduti f'dan ir-rigward mir-rikorrenti sempliċement jikkonfermaw tali interpretazzjoni. Fil-fatt, minn naħa, mid-deskrizzjoni, minn aġent doganali, tal-proċess ta' dikjarazzjoni doganali u ta' determinazzjoni tad-dazji li għandhom jitħallsu, ikkomunikat mir-rikorrenti bħala anness għall-osservazzjonijiet tagħha fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, jirriżulta li, wara l-introduzzjoni fis-sistema doganali elettronika, li fir-rigward tagħha ma huwiex ikkontestat li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet doganali nazzjonali, tad-dikjarazzjoni doganali li tinkludi b'mod partikolari l-evalwazzjoni tal-ammont tad-dazji mwettqa mill-importatur, din is-sistema tiġġenera deċiżjoni ta' aċċettazzjoni fil-forma tal-ħruġ ta' kodiċi li jiswa ta' rilaxx tal-merkanzija u li jippermetti ċirkulazzjoni libera tal-merkanzija kkonċernata. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li d-dikjarazzjonijiet doganali kkomunikati fl-anness għall-osservazzjonijiet tar-rikorrenti dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà huma akkumpanjati minn dokumenti mfassla mill-awtoritajiet doganali Taljani (Agenzia Dogane Monopoli) li jinkludu b'mod partikolari diversi kodiċi.

31 Minn dan jirriżulta li r-Regolament ikkontestat jista' jipproduċi l-effetti tiegħu biss wara dikjarazzjoni doganali stabbilita mill-importatur (ara, *a contrario*, is-sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, Doux vs Il-Kummissjoni, T-434/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:7, punti 60 sa 64), hija stess neċessarjament segwita minn miżura adottata mill-awtoritajiet doganali nazzjonali. Huwa minnu li din tillimita ruħha, ħafna drabi u fin-nuqqas ta' kontroll, għall-komunikazzjoni elettronika msemmija iktar 'il fuq u li l-intervent tal-imsemmija awtoritajiet fil-forma ta' kontroll, segwit f'dan il-każ minn komunikazzjoni tar-riżultati tal-verifika u ta' eventwali ammont irrettifikat tad-dazji li għandhom jitħallsu, huwa iktar okkażjonali. Madankollu, anki meta l-azzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tkun limitata għall-imsemmija komunikazzjoni elettronika, xorta jibqa' l-fatt li att huwa għalhekk adottat minn dawn l-awtoritajiet. L-assenza ta' kontroll tal-merkanzija tar-rikorrenti, li din tal-aħħar issostni f'dan il-każ, hija, għaldaqstant, irrilevanti.

32 Huwa wkoll irrilevanti l-fatt, allegat mir-rikorrenti, li l-awtoritajiet doganali nazzjonali ma għandhom ebda marġni ta' diskrezzjoni fl-implimentazzjoni tagħhom tar-regolament ikkontestat fil-każ li huma ma jopponux kontroll. Minbarra l-fatt li tali allegazzjoni tista' titqies bħala li tirrifletti r-rikonoxximent ta' eżekuzzjoni neċessarja mill-awtoritajiet nazzjonali, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-assenza ta' setgħa diskrezzjonali hija kriterju li għandu jiġi eżaminat sabiex jiġi kkonstatat jekk il-kundizzjoni tal-interess dirett ta' rikorrent hijiex issodisfatta, li tikkostitwixxi, konformement mal-formulazzjoni tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kundizzjoni distinta mir-rekwiżit ta' att li ma jinvolvix miżuri ta' eżekuzzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Internacional de Productos

Metálicos vs Il-Kummissjoni, C-145/17 P, EU:C:2018:839, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata, u d-digriet tal-21 ta' Jannar 2014, Bricmate vs Il-Kunsill, T-596/11, mhux ippubblikat, EU:T:2014:53, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Barra minn hekk, li jiġi dedott mill-awtomatizzazzjoni stabbilita mill-Kodiċi Doganali tal-2013 li r-Regolament ikkontestat ma jinvolvix miżuri ta' eżekuzzjoni jwassal sabiex l-evalwazzjoni tal-kriterju ġuridiku tal-assenza ta' miżuri ta' eżekuzzjoni ta' att tkun suġġetta għal ċirkustanzi purament tekniċi. Issa, tali simplifikazzjoni ta' natura sostantiva, barra minn hekk iġġustifikata mill-assenza ta' marġni ta' diskrezzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, ma tistax tipproduċi tali konsegwenzi (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-5 ta' Frar 2013, BSI vs Il-Kunsill, T-551/11, mhux ippubblikat, EU:T:2013:60, punt 49).

34 Għandu jiġi rrilevat, barra minn hekk, li mill-Artikolu 44 tal-Kodiċi Doganali tal-2013, kif ukoll mid-dispożizzjonijiet preċedentement fis-seħħ (Artikoli 243 sa 245 tal-Kodiċi Doganali tal-1992), jirriżulta li d-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali meħuda mill-awtoritajiet doganali jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors, konformement mal-proċedura stabbilita għal dan il-għan mill-Istat Membru inkwistjoni skont din id-dispożizzjoni, u billi jeċċepixxu, jekk ikun il-każ, l-illegalità tar-regolament li jistabbilixxi d-dazji antidumping quddiem il-qrati nazzjonali, li jistgħu jirrikorru, qabel ma jiddeċiedu, għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 267 TFUE (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-14 ta' Settembru 2021, Far Polymers *et* vs Il-Kummissjoni, T-722/20, mhux ippubblikat, EU:T:2021:598, punti 67 u 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li r-regolament ikkontestat jinvolvi miżuri ta' eżekuzzjoni fir-rigward tar-rikorrenti, b'tali mod li, sabiex ir-rikors tagħha jiġi ddikjarat ammissibbli, ir-rikorrenti għandha tistabbilixxi li hija individwalment ikkonċernata mill-imsemmi regolament.

[*omissis*]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

tordna li:

1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) Airoldi Metalli SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-2 ta' Mejju 2022.

Ir-Reġistratur
E. Coulon

Il-President
S. Gervasoni